**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 323/97

Francis Paris

vs

Chairman Telemalta u b' digriet tal-15 ta' Dicembru 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur ta' l-istess

Illum 21 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f' li ma giex moghti promozzjoni.

Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Hu kien impjegat mal-Korporazzjoni fl-1 ta' Jannar 1975 wara li kien ilu jahdem mal-Cable and Wireless ghal madwar 20 sena. Dak iz-zmien kien Messaggier III u kien gie stazzjonat fid-Dipartiment tat-Telegrafija. Fil-1977 sar strike u gabu nies kemm mill-pijunieri kif ukoll minn Xandir Malta biex jaghmlu x-xoghol ta' dawk in-nies li sfaw sospenduti. Fil-1979 kienet harget applikazzjoni ghall-grad ta' Telegrafista u hu applika u gie maghzul. Fil-1989 harget applikazzjoni ghal grad ta' Traffic Supervisor Officer u hu applika u resaq ghal interview ta' madwar seba' minuti fejn gie mistoqsi kemm kien ilu jahdem bhala telegrafista u x-xoghol li kien jaghmel. Meta hargu l-promozzjonijiet kien gie maqbuz kemm f' dik li hija seniority kif ukoll esperjenza. Barra minn hekk madwar 9 minn dawk in-nies li kienu gew minn barra gew promossi ghal dan il-grad. Ikkonkluda li din l-ingustizzja saret b'mottiv politiku ghaliex kien attiv f'partit politiku u barra minn hekk dak iz-zmien kien jifforma parti mill-ezekuttiv tal-General Workers Union.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li kienet dovuta lilu bi dritt, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b' rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telegraph Supervising Officer kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika u kien ghadda billi gab 68 marka minn 100 pero` ma kienx gab bizzejjed fl-ordni tal-meritu biex jikkwalifika ghall-vakanzi li kienu disponibbli. In fatti kien hemm biss 16-il vakanza.

3. Illi l-marki li gab ir-rikorrent kien mqassmin hekk: 20 minn 20 marka ghas-snin ta' servizz; 15 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 11 minn 15-il marka ghall-technical knowledge; 11 minn 20 marka ghall-administration u 11 minn 20 marka ghal personalita`.

4. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent xehed illi hu gab 68 marka u cioe` marka anqas minn Ronald Sacco. Joseph Ellul u Emanuel Sammut gew klassifikati warajh b’ 65 u 63 marki. Illum il-gurnata l-kariga ta’ TSO hija abolita u minnflokha tezisti l-kariga ta’ Customer Service Officer.

In kontro ezami r-rikorrent qal li hu mhux qed jilmenta mill-marki li nghata hu izda qed jilmenta mill-fatt li kien hemm min inghata marki aktar milli suppost inghata. Semma wkoll li kien hemm persuni, fosthom Joe Ellul u Emanuel Sammut, li gabu marki anqas minnu u xorta gew promossi. Hu sostna li Tony Fleri Soler u Anthony Fenech qabzuh fis-seniority u fl-esperjenza.

Joseph Mallia rapprezentant tal-Maltacom esebixxa r-rapport tal-bord ta’ l-ghazla.

David Buttigieg xehed kif lahqu bhala Telegraph Supervising Officers Joseph Ellul u Emanuel Sammut li gabu marki anqas mir-rikorrent u xorta saru T.S.O. meta hu ma sarx. Il-kaz gara hekk. Qabel saru, dawn it-tnejn minn nies kienu jokkupaw il-kariga ta` supervisor telegraph, grad antik ghadu gej minn tal-Cable and Wireless. Meta hargu s-sejhiet ghall-applikazzjonjiet kienu xi 25 inkluz din tat-Telegraph Supervising Officer, sar ftehim bejn il-Korporazzjoni

TeleMalta u l-General Workers' Union dwar kif ghandhom johorgu dawn il-calls for application u sar ftehim bil-miktub fuqhom. Parti minn dan il-ftehim kien jghid li dan il-grad antik ta` Supervising Telegraph kellu jigi abolit, ma kellux jibqa' jissejjah aktar u jigi replaced b' dan il-grad ta' Telegraph Supervising Officer. Gara li kien hemm 7 minn nies fil-grad antik ta' Supervisor Telegraph u f` parti mill-ftehim dawn kollha kellhom jigu assorbiti fil-grad il-gdid. Biss gara li dawn it-tnejn li qed isemmi r-rikorrent, Joseph Ellul u Emanuel Sammut ma lahqux il-punteggi necessarji biex jilhqu mal-ewwel sittax allura ma setghux jigu appuntati mill-ewwel. Il-union tkellmet ghax il-ftehim ma kienx hekk. Dawk kienu se jibqghu Supervisors Telegraph, allura ried isir xi haga biex eventwalment jigi in forza dik il-ftehim biex dawn jilhqu fil-grad il-gdid Telegraph Supervising officer. Dawn eventwalment saru Telegraph Supervising officers immaterjalment mill-puntegg li gabu biex dak il-ftehim originali jigi fis-sehh. Kien fil-5 ta` Gunju 1987 li huma saru T.S.O. mal-ohrajn. Hadu l-promozzjoni sentejn qabel id-data tal-agreement peress li skond il-ftehim il-promozzjonijiet kellhom johorgu bid-data tal-5 ta` Gunju 1987.

**KONKLUZJONIJIET:**

Fl-14 ta' Lulju, 1999 fol 42 tal-process hemm dan il-verbal:

"It-Tribunal wara li sema' l-partijiet u ra t-talba tar-rikors odjern kif ukoll dik ta' quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji maghmula mir-rikorrent f' Dicembru 1987, peress li l-kaz quddiem il-Kummissjoni jirreferixxi ghal Teminal Benefits minhabba

n-nationalisation tal-Cable and Wireless Limited f' Jannar 1975 waqt li fil-kaz odjern ir-rikors jitkellem dwar applikazzjoni fl-1989 ghall-grad ta' Traffic Supervision Officer, ihoss li a tenur tal-Aritikolu 6 (2) tal-Att VIII tal-1997 ma hemm xejn li jostakola l-prosegwiment tal-kawza u jordna li jsiru l-provi fir-rikors."

It-Tribunal sejjer jikkwota mill-kawza deciza minnu stess fl-ismijiet Ronald Sacco vs Telemalta Corporation tat-18 ta' Marzu 1998, rikors numru 76/97:

"Jidher li r-rikorrent ibbaza it-talba tieghu fuq il-fatt li tnejn mill-applikanti l-ohra - Ellul u Sammut hadu l-promozzjoni ghalkemm fl-interview gabu marki anqas minnu u cioe' fil-waqt li hu gab 69 huma gabu 65 u 63 rispettivament. Is-sur David Buttigieg spjega c-cirkostanzi ghaliex sar dan u cioe` minhabba ftehim li kien sar bejn it-Telemalta u l-General Workers Union.

Issa fil-fehma tat-Tribunal b'dan il-ftehim saret ingustizzja mar-rikorrent. Il-ftehim milhuq bejn it-Telemalta u l-General Workers' Union ma setgha qatt jorbot u jolqot avversament lir-rikorrent u nies bhalu. Il-fatt li l-grad kellu jispicca mhux gustifikazzjoni biex issir ingustizzja a skapitu ta' terzi."

Ghall-istess motivi bhal fil-kawza ta' Ronald Sacco t-Tribunal isib it-talba gustifikata u jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Telegraph Supervising Officer u dan b'effett [bhall-ohrajn] mill-5 ta' Gunju, 1987, jitpogga fuq il-

lista tas-seniority daqs li kieku ha l-promozzjoni f’ dik id-data u li jithallas l-arretrati dovuti.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.